MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2010

Numru 831/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**vs**

**ALFRED SCICLUNA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Alfred Scicluna ta’ 35 sena mwieled Attard nhar is-27 ta’ Lulju 1970 bin Maurice u Maria nee’ Bartolo residenti Catalunia Flats Flat No 1 Triq Il- Brolli Birzebbugia detentur ta’ Karta ta’ L-identita Nru 446170M u gie akkuzat talli

Nhar it-28 ta’ Awissu 2005 ghall habta ta’7.10am ikkommetta serq ta’ flejjes u dehbijiet mill- fond residenzjali u cioe’ min gewwa Nru 4 Triq Elia Zammit San

Giljan ghad-dannu ta' Francesco Saverio Sammut ta' 79 sena min San Giljan, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-lok u bil-valur u dan ai terminu tal-artikoli 261, 263, 267, 269 u 278,279 280, u 281 tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta

U aktar talli aktar talli nhar it- 28 ta' Awissu 2005 u fi granet wara xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, u dan ai terminu tal-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta

U aktar talli fl-istess, data, hin lok u cirkostanzi volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe' ksur u hsarat fuq il- bieb tar-residenza Nru 4 Triq Elia Zammit San Giljan ghad-dannu tal-korp tal-istess Francesco Saverio Sammut u dan ai terminu tal- artikolu 325 tal-Kap 9 tal- ligijiet ta' Malta

U aktar talli fl-istess lok, data, hin u taht l-istess cirkostanzi bil-hsieb li jikkometti reat ezercita dritt li pretenda li kellu minghajr il-kunsens tas-sid tal-fond 'Nru 4 Triq Elia Zammit San Giljan u dan ai terminu tal-artikolu u 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess lok , data, hin u taht l-istess cirkostanzi bi hsara tas'sid jew tad-detentur ghamel vjolazzjoni ohra kontra l-istess propjeta ta'Francesco Saverio Sammut u dan ai terminu tal- artikolu 340 (d) tal-kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta

Il-Qorti giet mitluba titratta ma l-imputat bhala li irrenda ruhu ricediv u dana b'diversi sentenzi tal-Qorti tal- appell kriminali u tal- Magistrati Ta' liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu u dan ai terminu tal- artikoli 49, 50 u 289 tal-kap 9 tal- ligijiet ta' Malta

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhal Dok. MTP1 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv it-tieni akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv it-tieni akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Mario Tonna ghall-Prosekuzzjoni iddikjara li it-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda ricettazzjoni, inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda serq aggravat u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni akkuza migjuba kontra l-imputat.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum Prosekuzzjoni u Difiza iddikjaraw li huma konsapevoli li l-imputat ghandu problema ta' abbuz ta' alkohol u l-vizzju tal-loghob tal-azzard.

Inoltre innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Mario Tonna iddikjara li minn verifiki li ghamel personalment jirrizulta li minn Ottubru tal-2005 l-imputat ma kellux kawzi godda fil-Qorti.
Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 31, 261(b), (c) u (e), 263, 267, 269, 278(3), 279, 280(2), 281, 325, 85, 340(d), 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Alfred Scicluna, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv it-tieni akkuza li

tirrigwarda ricettazzjoni u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz li l-Prosekuzzjoni u d-Difiza iddikjaraw li huma konsapevoli li l-imputat ghandu problema ta' abbuz ta' alkohol u l-vizzju tal-loghob tal-azzard u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Mario Tonna iddikjara li minn verifiki li ghamel personalment jirrizulta li minn Ottubru tal-2005 l-imputat ma kellux kawzi godda fil-Qorti, tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta li tpoggi lill-imputat Alfred Scicluna taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili u li l-imputat ikun assistit biex jeghleb il-problema ta' l-abbuz mill-alcohol u l-vizzju tal-loghob tal-azzard u inoltre tikkundanna lill-imsemmi imputat Alfred Scicluna ghall-piena ta' hames mitt Euro  (Euro 500) multa.

Rigward it-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda ricettazzjoni, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub fil-Verbal tas-Seduta tallum mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Mario Tonna ghall-Prosekuzzjoni rigward din it-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda ricettazzjoni kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija tieni akkuza migjuba kontra l-imputat.

Inoltre, il-Qorti, a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-imputat Alfred Scicluna sabiex fi zmien erba' (4) xhur millum ihallas lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta' seba' mija u hamsa u tletin Euro u tmienja u sebghin centezmi ta' Euro (Euro735.78) rappresentanti spejjes inkorsi bin-nomina ta' esperti.

Il-Qorti tordna li d-digriet anness ma' din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-probation order jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna in-notifika ta' kopja ta' din is-Sentenza u tad-digriet anness ma' din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputat Alfred Scicluna.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-hati kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti tat lill-imputat Alfred Scicluna l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------